MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru 549/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Malcolm Bondin)

vs

Ryan Briffa
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 169990M, akkuzat talli nhar is-7 ta' Gunju 2009, ghal habta tas-2.30 p.m., fi Triq id-Dielja, Qormi:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn fond nru. 45, Hacienda, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (€2329.37) u bil-lok;
2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u cioè bieb ta' barra tal-fond nru. 45, Hacienda, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erba' u sittin Ewro u disa' u sittin centezmu (€1164.69) izda aktar minn mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin centezmu (€116.47), ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Azzopardi u/jew ta' persuni ohra;
3. kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'sentenza datata 30 ta' Mejju, 2008 fejn l-istess Ryan Briffa kien misjub hati ta' reat ta' serq aggravate u kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar:
4. omissis

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa nsista anka wara li l-Qorti taghtu hin li jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-imputazzjonijiet kontrih dedotti.

Rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 264, 267, 269(g), 325(1)(b), 49, 50, 17(h) tal-Kap 9, u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Tikkundannah €500 multa u tpoggih bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

Tawtorizza lill-imputat ihallas il-multa b'pagamenti sussegwenti u konsekuttivi ta' €50 fix-xahar bl-ewwel

pagament fl-ahhar ta’ Lulju 2009 u bid-dekadenza fin-nuqqas anka ta’ pagament wiehed.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------